BIRKIRKARA

Minuti tal-erbatax-il laqgha tas-Seba Kunsill Lokali Birkirkara li saret b'urgenza fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 17 ta' Marzu 2014 fis 7.00pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| | Is-Sur Kaylocke Buhagiar |
| | Is-Sur Liam Gauci |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Herbert Conti |
| | Is-Sur John Mizzi |
| | Is-Sinjura Marie Claire Zammit |
| | Is-Sur John Borg |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sinjura Mary Rose Mifsud |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Is-Sur Ronald Briffa (Assenti) |
| **Ambaxxaturi** | Chaileen Debono (Assenti)<br>Malcolm Lee Attard (Assenti) |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, l-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sur John Mizzi, s-Sinjura Marie Claire Zammit, Dott. Josianne Cardona Gatt, s-Sur Mark Abdilla u s-Sur John Borg. Minn naha tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar kien is-Sinjura Mary Rose Mifsud. Minn naha tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys, kif ukoll l-ambaxxatur ma kienux prezenti. Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet it-talba.

## 2. Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li din il-laqgha qed issir biex ttiehed decizjoni minhabba l-appell li kien sar minn Charles & Joseph Gauci rigward it-Tender for sweeping of Streets and Pavements (BLC02/2013). Hi ziedet tghid li kienet sejra tikteb lid-DLG biex tiehu permess sabiex sakemm tinghata decizjoni rigward dan l-appell mill-PCRB tistax tqabbad lill-Waste Collection Limited biex jaghmel dan ix-xoghol *b'direct order* minghajr ma jigi iffirmat kuntratt peress li dan ma jistax isir minhabba l-appell. Hi spjegat li Waste Collection Limited hija l-kumpanija li rebhet it-tender.

Meta gie biex jittiehed vot fuq dan is-Sur Michael Fenech Adami qal li ma jahsibx li hemm ghalfejn jittiehed vot peress li l-Kunsill kellu jimxi fuq l-istruzzjonijiet mistennija mid-DLG. Fuq dan kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha prezenti.

## 2. Gheluq

Il-laqgha spiccat fit-7.15 pm

Arthur Pizzuto
Segretarju Ezekuttiv

Joanne Debono Grech
Sindku